

32000D0245

L 77/13

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

28.3.2000

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Frar 2000

dwar il-proċedura għall-attestazzjoni tal-konformità ta' prodotti għal kostruzzjoni taħt l-Artikolu 20(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fir-rigward ta' ħġieġ ċatt, ħġieġ profilat u prodotti tal-blokok tal-ħġieġ

(notifikati taħt id-dokument nru Ċ (1999) 5016)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2000/245/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ta' l-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar prodotti għall-bini ⁽¹⁾, kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kunsill 89/93/KEE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) ta' din,

Billi:

(1) Il-Kummissjoni hija meħtieġa tagħżel, bejn iż-żewġ proċeduri taħt l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 89/106/KEE għall-attestazzjoni tal-konformità ta' prodott, 'il-proċedura li hija l-inqas oneruża konsistenti mas-sigurtà; dan ifisser li huwa meħtieġ li wieħed jiddeċiedi jekk, għal prodott partikolari jew grupp ta' prodotti, l-esistenza ta' sistema ta' kontroll tal-produzzjoni tal-fabbrika taħt ir-responsabbiltà tal-manufattur hijiex kondizzjoni neċessarja u suffiċjenti għall-attestazzjoni ta' konformità, jew jekk, għal raġunijiet relatati mal-konformità mall-kriterji msemmija fl-Artikolu 13(4), hijiex meħtieġa l-intervenzjoni ta' organu ta' ċertifikazzjoni approvat.

(2) L-Artikolu 13(4) jirrikjedi li l-proċedura stabbiltà b'dan il-mod għandha tiġi indikata fil-mandati u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi; għalhekk ikun tajjeb jekk jiġi definit il-kunċett ta' prodott jew ta' grupp ta' prodott kif użat fil-mandati jew fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

(3) Iż-żewġ proċeduri provduti fl-Artikolu 13(3) huma deskritti fid-dettall fl-Anness III tad-Direttiva 89/106/KEE; m'huwiex meħtieġ għalhekk li jiġu speċifikati b'mod ċar il-metodi li bihom iridu jiġu implimentati iż-żewġ

proċeduri, b'referenza għall-Anness III, għal kull prodott jew grupp ta' prodott, billi l-Anness III jagħti preferenza lil ċerti sistemi.

(4) Il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(3)(a) taqbel mas-sistemi stipulati fl-ewwel possibiltà, mingħajr sorveljanza kontinwa, u t-tieni u t-tielet possibiltajiet tas-sezzjoni 2 (ii) ta' l-Anness III, u l-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(3)(b) taqbel mas-sistemi stipulati fis-sezzjoni 2 (i) ta' l-Anness III, u fl-ewwel possibiltà, b'sorveljanza kontinwa, tas-sezzjoni 2(ii) ta' l-Anness III.

(5) Il-miżuri msemmija f'din id-Deċiżjoni mhumiex skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Permanenti dwar il-Bini.

(6) Id-deċiżjoni ġiet sottomessa lill-Kunsill, li ma kienx kapaċi jaġixxi fi żmien il-perjodu ta' tlett xhur previst fid-Direttiva 89/106/KEE. Il-miżura proposta hija għalhekk adottata mill-Kummissjoni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-prodotti u gruppi ta' prodott li jinsabu fl-Anness I għandu jkollhom il-konformità tagħhom attestata permezz ta' proċedura li permezz tagħha l-manufattur għandu taħt ir-responsabbiltà tiegħu biss sistema ta' kontroll tal-produzzjoni ta' fabbrika li tagħmel ċert li l-prodott huwa konformi ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti.

Artikolu 2

Il-prodotti stipulati fl-Anness II għandu jkollhom il-konformità tagħhom attestata permezz ta' proċedura li, flimkien ma' sistema ta' kontroll tal-produzzjoni ta' fabbrika mħaddma mill-manufattur, tinkludi l-involviment ta' organu ta' ċertifikazzjoni approvat għall-evalwazzjoni u għas-sorveljanza tal-kontroll tal-produzzjoni jew tal-prodott innifsu.

⁽¹⁾ ĠU L 40, ta' l-14.2.1997, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1.

Artikolu 3

Il-proċedura għall-attezzjoni tal-konformità kif stipulata fl-Anness III għandha tiġi indikata fil-mandati għal standards armonizzati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-2 ta' Frar 2000.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membri tal-Kummissjoni

L-ANNEX I

Folji tal-ħġieġ ċatti u bil-kurva (inkluż ħġieġ basiku, ħġieġ proċessat, ħġieġ speċjali jew tas-sigurtà, miksi, miksi b'film, miksi bl-enamel, b'wiċċ trattat jew ħġieġ mirja);

Għal kull tip ta' użu apparti minn:

- użu f'għaqda igglejżjata intenzjonata speċifikament biex tipprovdi reżistenza għal ħruq,
- użu bħala twieqi kontra l-balal jew kontra l-isplużjonijiet.

Ĥġieġ f'forma ta' kanal (iwwajerjat jew mhux iwwajerjat):

Għal kull tip ta' użu apparti minn:

- użu f'għaqda igglejżjata intenzjonata speċifikament biex tipprovdi reżistenza għal ħruq,

Ĥġieġ ta' insulazzjoni:

Għal kull tip ta' użu apparti minn:

- użu f'għaqda igglejżjata intenzjonata speċifikament biex tipprovdi reżistenza għal ħruq,
- użu bħala twieqi kontra l-balal jew kontra l-isplużjonijiet.

Blokok tal-ħġieġ:

Għal użu f'applikazzjonijiet fejn ma jkunx jiflaħ għat-toqol apparti minn:

- użu bħala twieqi kontra l-balal jew kontra l-isplużjonijiet.

Pjanċi tal-ħajt tal-blokok tal-ħġieġ:

Għal użu f'applikazzjonijiet fejn ma jkunx jiflaħ għat-toqol apparti minn:

- għal użu f'kompartmentazzjoni f'każ ta' ħruq,
- użu bħala twieqi kontra l-balal jew kontra l-isplużjonijiet.

L-ANNEX II

Folji tal-ħġieġ ċatti u bil-kurvatura (inkluż ħġieġ basiku, ħġieġ proċessat, ħġieġ speċjali jew tas-sigurtà, miksi, miksi b'film, miksi bl-enemel, b'wiċċ trattat jew ħġieġ mirja);

- użu bħala twieqi kontra l-balal jew kontra l-isplużjonijiet.
- użu f'għaqda igglejżjata intenzjonata speċifikament biex tipprovdi reżistenza għal ħruq,

ħġieġ f'forma ta' kanal (iwwajerjat jew mhux iwwajerjat):

- użu f'għaqda igglejżjata intenzjonata speċifikament biex tipprovdi reżistenza għal ħruq,

ħġieġ ta' insulazzjoni:

- użu bħala twieqi kontra l-balal jew kontra l-isplużjonijiet.
- użu f'għaqda igglejżjata intenzjonata speċifikament biex tipprovdi reżistenza għan-nar,

Blokok tal-ħġieġ:

- użu kontra l-balal jew kontra l-isplużjonijiet.

Pjanċi tal-ħajt tal-blokok tal-ħġieġ:

- għal użu f'kompartimentazzjoni f'każ ta' ħruq,
 - użu bħala twieqi kontra l-balal jew kontra l-isplużjonijiet.
-

L-ANNEX III

Nota: għal prodotti li jkollhom iktar minn użu intenzjonat wieħed speċifikat fil-gruppi li ġejjin, il-biċċiet tax-xogħol għall-organu approvat, derivati mis-sistemi rilevanti ta' attestazzjoni ta' konformità, huma kumulattivi.

GRUPP TAL-PRODOTTI

ĦĠIEĠ ĊATTI, ĦĠIEĠ PROFILAT U PRODOTTI TAL-BLOKOK TAL-ĦĠIEĠ (1/6)**1. Sistemi ta' attestazzjoni ta' konformità**

Għall-prodott(i) u użu (i) intenzjonat (i) elenkati hawn isfel, CEN/Cenelec huma mitluba li jispeċifikaw is-sistema (i) li ġejjin ta' attestazzjoni ta' konformità fil-livell(i) rilevanti armonizzati (i):

Prodott (i)	Użu intenzjonat	Livell (i) jew klassi (jiet) (reazzjoni għan-nar)	Attestazzjoni ta' sistema (i) ta' konformità
Pjanċi tal-ħġieġ ċatti jew bil-kurvatura Ħġieġ f'forma ta' kanal Ħġieġ ta' insulazzjoni	Għal użu soġġett għar-regolamenti għan-nar ir-reazzjoni għan-nar	Kollha	1
Pjanċi tal-ħajt tal-blokok tal-ħġieġ	Għal użu sabiex jillimitaw it-tixrid tan-nar	Kollha	1

Sistema 1: Ara s-Sezzjoni 2(ii) ta' l-Anness III sa 89/106/KEE, mingħajr verifikazzjoni permezz ta' testjar tal-kampjuni.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tista' tiġi implimentata anki meta l-prestazzjoni ma teħtieġ li tiġi eżaminata għal xi karatteristika partikolari, għalix ta' mill-inqas Stat Membru wieħed m' għandu ebda ħtieġa legali għal karatteristika ta' din ix-xorta (ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn applikabbli, il-klawsola 1.2.3 tad-Dokumenti Interpretattivi). F'dawk il-każijiet il-verifikazzjoni ta' karatteristika ta' din ix-xorta ma għandhiex tiġi imposta fuq il-manufattur jekk hu ma jixtieqx jiddikjara l-prestazzjoni tal-prodott f'dak ir-rigward.

GRUPP TAL-PRODOTTI

ĦĠIEĠ ĊATTI, ĦĠIEĠ PROFILAT U PRODOTTI TAL-BLOKOK TAL-ĦĠIEĠ (2/6)**1. Sistemi ta' attestazzjoni ta' konformità**

Għall-prodott(i) u użu(i) intenzjoat(i) elenkati hawn isfel, CEN/Cenelec huma mitluba li jispeċifikaw is-sistema(i) li ġejjin ta' attestazzjoni ta' konformità fil-livell(i) rilevanti armonizzati (i):

Prodott (i)	Użu intenzjonat	Livell (i) jew klassi (jiet) (reazzjoni għan-nar)	Attestazzjoni ta' sistema (i) ta' konformità
Pjanċi tal-ħġieġ ċatti jew bil-kurvatura Ħġieġ f'forma ta' kanal Ħġieġ ta' insulazzjoni	Għal użu soġġett għar-regolamenti għan-nar ir-reazzjoni għan-nar	A, B, Ċ,	3
Blokok tal-ħġieġ Pjanċi tal-ħajt tal-blokok tal-ħġieġ		A ⁽¹⁾ , D, E, F	4

(¹) Materjali tal-klassi A li skond id-Deċiżjoni 96/603/KE ma jeħtieġux li jiġu ttestjati għar-reazzjoni tagħhom għan-nar.

Sistema 3: Ara s-Sezzjoni 2(ii) ta' l-Anness III sa 89/106/KEE,

Sistema 4: Ara s-Sezzjoni 2(ii) ta' l-Anness III sa 89/106/KEE, it-tielet possibiltà.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tista' tiġi implimentata anki meta l-prestazzjoni ma teħtieġ li tiġi eżaminata għal xi karatteristika partikolari, għalix ta' mill-inqas Stat Membru wieħed m' għandu ebda ħtieġa legali għal karatteristika ta' din ix-xorta (ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn applikabbli, il-klawsola 1.2.3 tad-Dokumenti Interpretattivi). F'dawk il-każijiet il-verifika ta' karatteristika ta' din ix-xorta ma għandhiex tiġi imposta fuq il-manufattur jekk hu ma jixtieqx jiddikjara l-prestazzjoni tal-prodott f'dak ir-rigward.

GRUPP TAL-PRODOTTI

ĦĠIEĠ ĊATT, ĦĠIEĠ PROFILAT U PRODOTTI TAL-BLOKOK TAL-ĦĠIEĠ (3/6)**1. Sistemi ta' attestazzjoni ta' konformità**

Għall-prodott(i) u użu(i) intenzjonat(i) elenkati hawn isfel, *CEN/Cenelec* huma mitluba li jispesifikaw is-sistema(i) li għejjin ta' attestazzjoni ta' konformità fil-livell(i) rilevanti armonizzat(i):

Prodott (i)	Użu intenzjonat	Livell (i) jew klassi (jiet)	Attestazzjoni tas-sistema ta' konformità
Pjanċi tal-ħġieġ ċatti jew bil-kurvatura Ħġieġ f'forma ta' kanal Ħġieġ ta' insulazzjoni:	Għal użu soġġett għar-regolamenti dwar ir-reazzjoni għan-nar	Prodotti li jirrikjedu test _____	3
		Prodotti "meqjusa li jkun tajba" mingħajr test ⁽¹⁾	4

⁽¹⁾ Irid jiġi konformat fid-diskussjonijiet mal-grupp ta' regolaturi tan-nar.

Sistema 3: Ara s-Sezzjoni 2(ii) ta' l-Anness III sa 89/106/KEE, it-tieni possibiltà.

Sistema 4: Ara s-Sezzjoni 2(ii) ta' l-Anness III sa 89/106/KEE, it-tielet possibiltà.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tista' tiġi mplimentata anki meta l-prestazzjoni ma teħtieġ li tiġi eżaminata għal xi karatteristika partikolari, għaliex ta' mill-inqas Stat Membru wieħed m' għandu ebda hteġa legali għal karatteristika ta' din ix-xorta (ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn applikabbli, il-klawsola 1.2.3 tad-Dokumenti Interpretattivi). F' dawk il-każijiet il-verifika ta' karatteristika ta' din ix-xorta ma għandhiex tiġi imposta fuq il-manufattur jekk hu ma jixtieqx jiddikjara l-prestazzjoni tal-prodott f'dak ir-rigward.

GRUPP TAL-PRODOTTI

ĦĠIEĠ ĊATT, ĦĠIEĠ PROFILAT U PRODOTTI TAL-BLOKOK TAL-ĦĠIEĠ (4/6)**1. Sistemi ta' attestazzjoni ta' konformità**

Għall-prodott(i) u użu(i) intenzjonat(i) elenkati hawn isfel, *CEN/Cenelec* huma mitluba li jispesifikaw is-sistema(i) li għejjin ta' attestazzjoni ta' konformità fil-livell(i) rilevanti armonizzat(i):

Prodott (i)	Użu intenzjonat	Livell (i) jew klassi (jiet)	Attestazzjoni tas-sistema ta' konformità
Pjanċi tal-ħġieġ ċatti jew bil-kurvatura Ħġieġ ta' insulazzjoni: Blokko tal-ħġieġ Pjanċi tal-ħajt tal-blokko tal-ħġieġ	Għal użu bħala ħġieġ kontra l-balal jew kontra l-isplużjonijiet. Għal tipi ta' użu oħrajn li aktarx jistgħu jippreżentaw riskji ta' "sigurtà waqt l-użu" u soġġetti għal regolamenti ta' din ix-xorta	—	1
		—	3
Ħġieġ f'forma ta' kanal	Għal tipi ta' użu oħrajn li aktarx jistgħu jippreżentaw riskji ta' "sigurtà waqt l-użu" u soġġetti għal regolamenti ta' din ix-xorta	—	3

Sistema 1: Ara s-Sezzjoni 2 (i) ta' l-Anness III sa 89/106 KEE, mingħajr ma jkun hemm eżami awditjat tal-kampjuni.

Sistema 3: Ara s-Sezzjoni 2(ii) ta' l-Anness III sa 89/106/KEE, it-tieni possibiltà.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tista' tiġi implimentata anki meta l-prestazzjoni tagħha ma teħtieġ li tiġi eżaminata għal xi karatteristika partikolari, għaliex ta' mill-inqas Stat Membru wieħed m' għandu ebda hteġa legali għal karatteristika ta' din ix-xorta (ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn applikabbli, il-klawsola 1.2.3 tad-Dokumenti Interpretattivi). F'dawk il-każijiet il-verifika ta' karatteristika ta' din ix-xorta ma għandhiex tiġi imposta fuq il-manufattur jekk hu ma jixtieqx jiddikjara l-prestazzjoni tal-prodott f'dak ir-rigward.

GRUPP TAL-PRODOTTI

ĦĠIEĠ ĊATT, ĦĠIEĠ PROFILAT U PRODOTTI TAL-BLOKOK TAL-ĦĠIEĠ (5/6)1. **Sistemi ta' attestazzjoni ta' konformità**

Għall-prodott(i) u użu(i) intenzjoat(i) elenkati hawn isfel, CEN/Cenelec huma mitluba li jispeċifikaw is-sistema(i) li għejjin ta' attestazzjoni ta' konformità fil-livell(i) rilevanti armonizzat(i):

Prodott (i)	Użu intenzjonat	Live-ll (i) jew klassi (jiet)	Attestazzjoni tas-sistema ta' konformità
Pjanċi tal-ħġieġ ċatti jew bil-kurvatura (trattati b'mod speċjali) Ħġieġ f'forma ta' kanal Ħġieġ ta' insulazzjoni Blokko tal-ħġieġ; Pjanċi tal-ħajt tal-blokko tal-ħġieġ	Għal użu relatat mal-konservazzjoni ta' l-enerġija u/jew it-tnaqqis tal-ħsejjes	–	3

Sistema 3: Ara s-Sezzjoni 2(ii) ta' l-Anness III sa 89/106/KEE, it-Tieni possibiltà.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tista' tiġi implimentata anki meta l-prestazzjoni ma teħtieġx li tiġi eżaminata għal xi karatteristika partikolari, għaliex ta' mill-inqas Stat Membru wieħed m' għandu ebda hteġa legali għal karatteristika ta' din ix-xorta (ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn applikabbli, il-klawsola 1.2.3 tad-Dokumenti Interpretattivi). F'dawk il-każijiet il-verifika ta' karatteristika ta' din ix-xorta ma għandhiex tiġi imposta fuq il-manufattur jekk hu ma jixtieqx jiddikjara l-prestazzjoni tal-prodott f'dak ir-rigward.

GRUPP TAL-PRODOTTI

ĦĠIEĠ ĊATT, ĦĠIEĠ PROFILAT U PRODOTTI TAL-BLOKOK TAL-ĦĠIEĠ (6/6)1. **Sistemi ta' attestazzjoni ta' konformità**

Għall-prodott(i) u użu(i) intenzjoat(i) elenkati hawn isfel, CEN/Cenelec huma mitluba li jispeċifikaw is-sistema(i) li għejjin ta' attestazzjoni ta' konformità fil-livell(i) rilevanti armonizzat(i):

Prodott (i)	Użu intenzjonat	Livell (i) jew klassi (jiet)	Attestazzjoni tas-sistema ta' konformità
Pjanċi tal-ħġieġ ċatti jew bil-kurvatura Ħġieġ f'forma ta' kanal Ħġieġ ta' insulazzjoni Blokko tal-ħġieġ; Pjanċi tal-ħajt tal-blokko tal-ħġieġ	Għal tipi ta' użu apparti minn dawk speċifikati fil-gruppi 1/6 sa 5/6	–	4

Sistema 4: Ara s-Sezzjoni 2(ii) ta' l-Anness III sa 89/106/KEE, it-tielet possibiltà.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun tali li tista' tiġi implimentata anki meta l-prestazzjoni ma teħtieġx li tiġi eżaminata għal xi karatteristika partikolari, għaliex ta' mill-inqas Stat Membru wieħed m' għandu ebda hteġa legali għal karatteristika ta' din ix-xorta (ara l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/106/KEE u, fejn applikabbli, il-klawsola 1.2.3 tad-Dokumenti Interpretattivi). F'dawk il-każijiet il-verifika ta' karatteristika ta' din ix-xorta ma għandhiex tiġi imposta fuq il-manufattur jekk hu ma jixtieqx jiddikjara l-prestazzjoni tal-prodott f'dak ir-rigward.